MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-2 ta' Lulju, 2010

Numru. 185/2010

Il-Pulizija
(Sp Alexander Grech)
vs
Shaun Barbara, iben Manuel, imwieled Pieta' fit-3 ta' Jannar, 1992, Karta ta' l-Identita numru 56092(M)

Il-Qorti,
Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat –
1. talli fil-lejl ta' bejn il-25 u is-36 ta' Frar, 2010 minn ġo ħanut bl-isem ta' 'Pure Accessorise' li jinsab fi Triq Ħal-Tarxien, Paola kkometta serq ta' €250 fi flus kontanti u aċċessorji oħra li l-valur tagħhom jammonta għal madwar €30,000 għad-dannu ta' Godfrey George Agius minn Marsaxlokk, liema serq hu aggravate bil-mezz, bil-valur u bil-ħin;
2. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ

ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u cioe' għamel ħsara fl-istess ħanut, liema ħsara hija ta' aktar minn €116 għad-dannu ta' l-istess Godrey George Agius;
3. talli kiser il-kondizzjonijiet mposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta).

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tal-15 ta' Ġunju, 2010 fejn iddikjara li wara li ra l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat u billi jidhirlu li tista' tinsab ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub:
a. fl-artikoli 261, 263(a), 264(1), 265, 266(1)(2), 267, 270, 278(3), 279(b) u 280(2) tal-Kodiċi Kriminali;
b. fl-artikolu 325(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali;
c. fl-artikolu 23(1)(2) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta; u
d. fl-artikoli 17, 31, 289(1) u 533 tal-Kodiċi Kriminali;
bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq l-akkuża ta' din il-ħtija jew ħtijiet barra kull ċirkostanża oħra.

Rat il-verbal tas-seduta tat-2 ta' Lulju, 2010 fejn l-imputat ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tat-2 ta' Lulju, 2010 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Rat il-verbal tas-seduta tas-27 ta' Frar, 2010 fejn il-Qorti ġiet infurmata li l-oġġetti kollha misruqa ġew ritornati u li l-imputat ikkolabora bi sħiħ mal-pulizija.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 261, 263(a), 264(1), 265, 266(1)(2), 267, 270, 278(3), 279(b), 280(2) u 325(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 23(1)(2) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda wara li rat l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta tordna l-ħruġ ta' Probation Order kontra l-imputat għal perjodu ta' tlett snin mil-lum. Fiċ-ċirkostanżi

mhemmx lok għall-applikazjzoni tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali billi ma tqabbdu ebda esperti f'din il-kawża.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------